**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 15 - IT-TNEJN, 3 TA' OTTUBRU 2011**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fl- 4:05pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Evelyn Muscat | Membru |

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li s-Sinj. Muscat kienet tinsab imsiefra filwaqt li l-Viċi Sindku, li kien delegat mis-Sindku biex jirrappreżentaha, infurmah li ma kienx se jilħaq jattendi minħabba xogħol.

1.2. Sadanittant kien irreġistrat li, minħabba li l-Ħamis 29 ta' Settembru, meta suppost kellha ssir il-laqgħa tal-Kumitat, kien hemm konferenza minn MEUSAC u l-Malta Business Bureau dwar il-*Public Private Partnership*, bi qbil bejn il-membri kien deċiż li l-laqgħa tkun posposta għat-3 ta' Ottubru biex ikunu jistgħu jattendu s-SE, is-Sinj. Cuomo u s-Sur Woods.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

2.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. RAPPORT DWAR IL-LAQGĦA MAL-*GOVT. PROPERTY DEPT.* DWAR IL-*CARAVAN SITE*

3.1. Is-Sinj. Cuomo tat rendikont tal-laqgħa li saret mas-Sur Iman Schembri, Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern, nhar il-Ħamis 29 ta' Settembru fl-10:30am. Il-laqgħa, li għaliha attendew is-Sinj. Maryanne Cuomo, is-Sur Joe Woods, is-Sinj. Maria Vella, is-Sur Joe Bonello u s-Sur Paul Gatt, kienet tirrigwardja prinċipalment il-*caravan site* għalkemm ġiet diskussa wkoll il-*camping site* li tinsab f'idejn l-i*scouts* ta' B'Kara.

3.2. F'din il-laqgħa saret enfasi mill-Kumitat li b'dak li kien qiegħed isir fil-*caravan site* kien qiegħed iwaqqa' l-livell tal-għixien tar-residenti ta' BIĊ u sussegwentament il-valur tal-proprjetà. Għal dawn ir-raġunijiet aktarx li din l-attività f'dan il-post hija illegali. Is-Sur Schembri, li kien assistit mis-Sur

Martin Bajada, *Operations Manager*, informa li ma kienx hemm illegalità fl-attività li qed issir u li l-Gvern kien qiegħed biss joħroġ permess għall-użu temporanju simili għall-permessi li joħorġu għat-tpoġġija tal-imwejjed. Tant kien il-każ li b'dan it-tip ta' permess, il-Gvern huwa liberu li jista' jirtira l-permess meta jrid hu mingħajr pre-avviż.

3.3. Il-Kumitat għamel enfasi wkoll fuq il-fatt li l-pubbliku mhux iħossu komdu li jmur fiż-żona filwaqt li jħoss ukoll li qed ikunu allokati spazji meta l-istess Kumitat lanqas għandu post fejn jiltaqa'. Il-Kumitat kompla li mhux kontra li jkun hemm *caravan site* iżda din għandha tkun ta' livelli internazzjonali.

3.4. Is-Sur Bajada informa li kull ġimgħa l-Onor Jason Azzopardi kien jikkuntattjah biex jikkonferma jekk fil-*caravan site* ta' BIĊ jinsabx kollox fl-ordni. Dan jixhed li, min-naħa tas-Segretarjat u min-naħa tad-Dipartiment huma kommessi li kollox ikun fl-ordni.

3.5. Is-Sur Gatt saħaq li minn snin ilu kien hemm titjib sostanzjali u jidher li min-naħa ta' *Safari Camping Club* jippruvaw jagħmlu mill-aħjar iżda jidher li l-aħjar tagħhom ma jilħaqx il-livelli ta' kwalità mistennija mill-Kumitat Amministrattiv. F'dan ir-rigward is-Sinj. Cuomo semmiet li għandu jkun hemm sistema li kulħadd ikollu dritt li jikri spazju u infatti jista' jkun li jkun hemm domanda anki minn barranin.

3.6. Issemmew ukoll il-problemi li qed jiffaċċjaw ir-residenti mill-attivitajiet li qed ikun hemm fil-*camping site* tal-i*scouts*. Kien spjegat li, apparti l-problemi ta' inkonvenjenza, minkejja li l-kuntratti fuq din l-art jispeċifikaw l-użu ta' ħmistax fis-sena għall-Kunsill bla ħlas, ir-rappreżentanti tal-i*scouts* ma jridux jaċċettaw li joffru l-użu b'xejn, li l-Kunsill tan-Naxxar irid li jgħaddih lill-i*scouts* tan-Naxxar. Is-Sur Gatt ikkonferma li kienet saret talba lill-Kunsill Malti għall-Isports iżda dawn saħqu li l-Kunsill ikun irid iħallas għall-*care taker* meta fl-ebda kirja lil *scouts* oħra ma kien ikkuntrattat *care taker*. Is-Sur Bajada wiegħed li se jindaga dwar dan u jinforma lura lis-Sur Gatt dakinhar stess.

3.7. Saret ukoll enfasi fl-importanza li jgħola l-livell inkluż iż-żona ta' fejn il-gabbana tal-ġelati. Is-Sur Schembri informa li f'dik iż-żona hemm proprjetà pubblika u oħra privata filwaqt li se jindagaw x'qed jiġri mill-proprjetà pubblika. Is-Sur Bajada informa li dwar dan qed isir eżerċizzju fil-preżent u, la darba jkun intemm l-eżerċizzju, jittieħdu l-passi skont il-każ.

3.8. Il-Kumitat ressaq ukoll li mid-dħul li qed ikun hemm mill-permess għall-*caravan site* għandu jingħata xi ħaġa lura lill-Kumitat biex jintużaw għall-komunità għaliex wara kollox il-popolazzjoni fis-sajf qed tiżdied ħafna u dan naturalment iħalli impatt fuq il-komunità ta' BIĊ.

3.9. Inġibdet l-attenzjoni wkoll għall-fatt li apparat kbir ħafna (aktarx *chillers)* allegatament intiżi għall-binja l-ġdida tpoġġew fuq il-bini tal-biswit.

3.10. Finalment is-Sinj. Cuomo rringrazzjat lis-Sur Schembri u wriet ix-xewqa li jittieħdu l-azzjonijiet neċessarji ħalli jkun hemm titjib f'dan ir-rigward.

3.11. Sadanittant is-SE informa li kienet għadha ma waslitx it-telefonata mwegħda mis-Sur Bajada.

3.12. Min-naħa tas-Sinj. Cuomo ressqet kopja tal-permess tal-*caravan site* li ngħata lilha mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

4.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet saret laqgħa bejnha u bejn is-SE f'BIĊ nhar it-2 ta' Settembru biex ikunu diskussi *on site* problemi li hemm. Is-SE ħa nota ta' dawn il-problemi u x-xogħol meħtieġ għandu jibda jiġi mwettaq fil-jiem li ġejjin.

4.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li x-xogħol tal-irranġar tad-daħla ta' BIĊ kif approvat mill-Kumitat ftit qabel kien tlesta u kien sodisfaċenti.

4.3. Sadanittant hija infurmat ukoll li kienet iltaqgħet ma' Bratislav, mill-kuntrattur tal-ġonna, u ġibdet l-attenzjoni għall-ħaxix li hemm fiż-żona fejn hemm il-bandli minħabba li ma kienx qiegħed jingħata attenzjoni. Huwa wiegħed li se jieħu ħsieb. Hija talbitu wkoll biex jipprovdi stima għall-qtugħ u t-tindif mill-ħaxix fiż-żona fejn hemm il-*pumping station* tad-drenaġġ u fiż-żona tal-i*scouts*. Il-ħsieb huwa li, jekk jingħata x-xogħol, eventwalment jintbagħat il-kont lill-WSC minħabba li ż-żona hija fir-responsabbiltà tagħhom.

4.4. Iċ-*Chairperson* infurmat ukoll li kienet iltaqgħet ma' Ludovigo Vella, li qed jieħu ħsieb ix-xogħol tal-Pjazza, li wegħdha li x-xogħol għandu jkun lest f'Novembru. Infatti huwa diġà ġab il-ħamrija. Hija semmiet ukoll li hemm palma li mietet u għalhekk għandu jkun mitlub li tinqala'.

4.5. Is-Sinj. Cuomo infurmat li mill-ġimgħa ta' wara kienet se tibda biż-żjarat fid-djar kif kien maqbul mill-Kumitat aktar qabel.

## 5. ATTIVITAJIET FIL-LOKAL B'RISQ L-ISTRINA

5.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Kunsill qed jikkordina biex issir attività li tikkonsisti f'*Hill Climb*, b'risq l-Istrina, u li kellha x-xewqa li ssir inizjattiva wkoll mill-Kumitat Amministrattiv fl-istess attività. Din l-attività se ssir fis-6 ta' Novembru u jekk jinzerta l-maltemp issir il-Ħadd ta' wara.

5.2. Fuq rakkomandazzjoni tagħha kien hemm qbil li għandha ssir *car wash.* Għal dan il-għan għandha ssir sejħa għall-voluntieri. Is-SE wiegħed li se jgħin ukoll f'dan billi jippubblika avviż fil-paġna tal-*Facebook* tal-Kunsill.

## 6. ATTIVITÀ GĦAL DIĊEMBRU

6.1. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sinj. Cuomo, il-Kumitat qabel li għandu jagħmel attività għal żmien il-Milied. Għal dan il-għan kien hemm qbil li possibbilment ikun maħtur sottokumitat biex jikkordina din l-attività.

6.2. Kienet proposta li tkun avviċinata l-koppja Vella li jgħinu ħafna fil-volontarjat.

6.3. Kien hemm qbil li possibbilment għandhom jinġiebu *animators*, issir laqgħa mas-Sur Graham Woodall dwar il-possibbiltà li jikkordina xogħol ta'

arti/krafts relatat maż-żmien filwaqt li s-Sinj. Cuomo se tieħu ħsieb tindaga dwar l-*animators*.

**7. LAQGĦA MA' WASTESERV**

7.1. Is-SE informa li Wasteserv kienet baqgħet tinsisti li l-laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-proposta għall-iżvilupp tar-riċiklaġġ tad-demel issir mal-konsultenti ADI. Madanakollu l-Kumitat insista li rappreżentanti ta' Wasteserv għandhom ikunu preżenti wkoll.

7.2. Sadanittant is-SE informa li kienu waslu d-dokumenti tal-EIA dwar il-proposta ta' Wasteserv għar-riċiklaġġ tad-demel.

**8. SKEMA DWAR INIZJATTIVI SPORTIVI**

8.1. Dwar l-inizjattiva tal-isports il-Kumitat kien mgħarraf li l-massimu li jista' jingħata kien €4,000 għal kull lokalità.

8.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kien hemm *open day* nhar is-Sibt fejn dehru wċuħ ġodda. Jidher li hemm konkorrenza tajba.

8.3. Hija kompliet li kien hemm xi nuqqas fit-tqassim tal-fuljetti għalkemm kienet innutat persuna li qed ineħħi l-karti mil-*letter boxes*!

**9. PROPOSTA MIS-SUR RICKY CARUANA**

9.1. Il-Kumitat iddiskuta s-suġġeriment tas-Sur Caruana li jagħmel passaġġ fil-Pjazza bi ħsibijiet dwar San Franġisk. Il-Kumitat unanimament qabel li m'għandhomx jiddaħħlu temi reliġjużi fil-Pjazza.

9.2. Is-SE informa li s-Sur Caruana kellu idea oħra li, fid-daħla ta' BIĊ, fin-naħa tal-parkeġġ, jagħmel arloġġ imdaqqas li jaħdem bix-xemx li iżda minflok numri jkun hemm is-sinjali żodjakali filwaqt li fin-nofs ikun hemm id-dinja. Għal dan huwa kien qiegħed japplika għall-fondi mill-Fondi għall-Arti. Il-Kumitat però qabel, fid-dawl li se jsir xi tibdil fiż-żona minħabba t-triq bħala parti mill-proġetti tat-toroq Ten-T, ikun aħjar jekk jistenna x'se jiġri eżatt.

9.3. Il-Kumitat talab li tkun ikkordinata laqgħa ma' Transport Malta (TM) biex ikun magħruf meta hemm il-ħsieb li jibda x-xogħol u x'se jkun jinvolvi eżatt. Fl-istess waqt tkun kordinata laqgħa mal-Onor Mario Demarco minħabba li hemm possibbiltà li jkun jista' jgħin minħabba li hemm element turistiku.

9.4. Minħabba fl-istat taż-żona ta' fejn il-gabbana, il-Kumitat qabel li jekk mhux se jibda xi xogħol fil-qrib, għandu jsir xi xogħol temporanju ħalli jtaffi d-dehra kerha li hemm fil-preżent.

9.5. F'dan l-istadju s-Sinj. Cuomo kkonfermat li, skont artiklu li deher fuq il-*Malta Independent*, il-kappella li hemm fiż-żona ma hija ta' ħadd.

**10. INNOVATION GENERATION CENTRE**

10.1. Is-Sur Woods ta rendikont tal-laqgħa li saret il-Ġimgħa 30 ta' Settembru. Huwa informa li dan huwa kunċett innovattiv li qed isib l-appoġġ tal-Gvern u anki qed jintlaqa' tajjeb ħafna minn organizzazzjonijiet kbar barranin.

10.2. Is-Sur Woods kompla jispjega li dan huwa 'inkubatur' għall-kreattività fil-governanza billi jinvolvi lill-komunità ma' sieħba oħra li huma l-Koperattiva

Euromed Connect, il-Gvern (permezz tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali) u l-ASKLM.

10.3. Is-SE saħaq fl-importanza li tkun involuta l-komunità għaliex inkella awtomatikament taqa' 'l barra mill-funzjonijiet tal-Kumitat jew tal-Kunsill.

10.4. Is-Sur Woods, filwaqt li qabel ma' dan, tenna li dan il-proġett kien se jattira fondi minn diversi fondi u li kienu se jkopru kull spejjeż li jista' jagħmel il-Kumitat.

**11.** **ATTIVITÀ FESTA TAL-ĠELATI**

11.1. Wara s-suġġeriment tal-laqgħa ta' qabel il-Kumitat qabel li għandu jibda jikkordina din l-attività.

11.2. Is-Sinj. Cuomo se tibda tagħmel xi kuntatti.

11.3. Kien suġġerit u maqbul li possibilment issir anki kompetizzjoni ta' ġelat magħmul id-dar.

11.4. Is-Sur Woods wiegħed li se jibda jiċċirkola xi ħsibijiet.

**12.** **ĦWEJJEĠ OĦRA**

12.1. Dwar l-applikazzjoni għall-proġetti speċjali, li għalihom saret applikazzjoni għat-tibdil tal-bankini, is-SE informa li se jitkellem mad-Dipartiment dwar mistoqsijiet addizzjonali li saru.

12.2. Dwar l-iskema tal-*playing fields* is-SE informa li, minħabba li kienu meħtieġa ċertu dettalji, dawn riedu jiġu mingħand Perit u għalhekk se jagħmel minn kollox biex ikunu għandu fil-ħin.

12.3. Is-SE kien imfakkar li huwa importanti li l-wied ikun imnaddaf kemm jista' jkun malajr.

12.4. Is-SE kien mitlub li jindaga dwar flus imwiegħda mill-Gvern Ċentrali għal dawl tat-toroq għall-inħawi tal-ambaxxati u li għadu ma nstema' xejn dwarhom.

12.5. Is-Sur Woods informa li għandu bżonn ritratti għall-finalizzazzjoni tar-rapport ta' ħidma li jinkludu r-ritratt (grafiku) tal-Pjazza, ritratt tal-grupp u ritratti oħra ta' attivitajiet. Is-Sur Woods talab ukoll li jkollu l-logo bil-kulur.

12.6. Is-Sur Bonello informa li kien hemm ilment minn Triq l-Imsaqqfin dwar bankina għolja minn fejn tiddaħħal karozza. Is-SE informa li, ladarba m'hemmx il-ħsieb li tibidel il-bankina, ir-resident irid jirranġa hu skont l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti u wara li jikseb permess mill-Kunsill.

12.7. Is-Sur Bonello tkellem dwar il-*bring in site* tan-naħa t'isfel ta' Triq AM Caruana. Kien hemm qbil li minflok jitneħħew għal kollox għandhom jitpoġġew fin-naħa ta' fuq ta' BIC.

12.8. Il-Kumitat kien mgħarraf li qed ikun hemm ilmenti fuq it-tindif fosthom li t-Telgħa tal-Madliena mhux qed tinkines. Il-kuntrattur għandu jkun imwissi.

12.9. Is-Sur Bonello semma li kellu rapport li l-X1 għadha mhux qed tieqaf dejjem f'BIĊ. Il-Kumitat għalhekk talab li ssir insistenza biex ikun hemm indikazzjoni fuq il-*bus stop* ħalli ma jkunx hemm skużi mis-sewwieqa.

12.10. Is-SE kien mitlub jindaga dwar it-talba biex ir-rotta ta' BIĊ tinkludi l-Mosta.

12.11. Is-Sinj. Vella staqsiet dwar il-proċedura biex jitqabbad id-drenaġġ fi Triq id-Dwieli. Is-SE informa li huwa jrid isib kuntrattur li għandu jibda japplika ħalli jimxi l-proċess.

**13. TMIEM IL-LAQGĦA**

13.1. Fuq suġġeriment tas-Sinj. Vella kien hemm qbil unanimu li laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru fit-8:30am.

13.2. Il-laqgħa intemmet fis-5.00pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |